Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Numru. 868/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Brian Sammut**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Sammut detentur tal-karta tal-identita` numru 370588(M).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-8 ta' Lulju, 2012 fl-4:20 ta' filghodu fi Triq id-Dragunara, San Giljan;

1. ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l-valur ta' 1, 164.69 Ewro ghad-dannu ta' Joanna Pace u dan bi ksur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Art 325 (1)(a).

2. fl-istess data, lok, u hin kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju jew glied u dan bi ksur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Art 338 (dd).

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkunsidra l-imputat recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat li l-parte civile rrinunzjat ghal dak li hu rinunzjabbli (Dok GS1).

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) u 338(dd) tal-Kap 9 qed issib l-imputat Brian Sammut hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------